

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ġunju 2011

**dwar l-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar miżuri tal-Istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux rappurtat u Mhux Regolat**

(2011/443/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija kompetenti biex tadotta miżuri għall-konservazzjoni, għall-ġestjoni u għall-kontroll tar-riżorsi tas-sajd; hija wkoll kompetenti biex tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u fi ħdan il-qafas ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.
- (2) L-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, li, fost affarijiet oħrajn, teżiġi li l-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkooperaw fil-ġestjoni u fil-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.
- (3) L-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha huma partijiet kontraenti għall-Ftehim tal-1995 dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transzjonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, li daħlet fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2001.
- (4) Il-Konferenza tal-Organizzazzjoni għall-Alimentazzjoni u l-Agricoltura (FAO), approvat, fis-Sitta u Tletin Sessjoni tagħha li saret f'Ruma fit-18-23 ta' Novembru 2009,

il-Ftehim dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat (minn issa "il-Ftehim") skont l-Artikolu XIV, paragrafu 1, tal-Kostituzzjoni tal-FAO, għas-sottomossjoni lill-Membri tal-FAO.

- (5) Il-Ftehim kien iffirmat fit-22 ta' Novembru 2009 fisem il-Komunità Ewropea suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar 'il quddiem.
- (6) L-Unjoni għandha rwol ewlieni fis-sajd internazzjonali u hija waħda mis-swieq ewlenin globali għall-prodotti tas-sajd u huwa fl-interess tagħha li jkollha rwol effettiv fl-implimentazzjoni tal-Ftehim u u li tapprova l-Ftehim.
- (7) Għaldaqstant, il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu, u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat (minn issa "il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim u d-Dikjarazzjoni rigward il-kompetenza tal-Unjoni huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna(i) li tingħata s-setgħa biex tipproċedi, fisem l-Unjoni, bid-depożitu tal-istrument tal-approvazzjoni mad-Direttur-Ġenerali tal-Organizzazzjoni għall-Alimentazzjoni u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti huwa u jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' Depożitarju tal-Ftehim skont l-Artikolu 26 tal-Ftehim, flimkien mad-Dikjarazzjoni dwar il-kompetenzi tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MATOLCSY Gy.

---